

32002R0265

14.2.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 43/13

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 265/2002**tat-13 ta' Frar 2002****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2742/90 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2204/90**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2204/90 ta' l-24 ta' Lulju 1990 li jippreskrivi regoli ġenerali addizzjonali dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u prodotti mill-ħalib fir-rigward ta' ġobon⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2583/2001⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

- (1) l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2204/90 jipprovdi għal piena f'każijiet fejn kaseini u/jew kaseinati jkunu użati mingħajr awtorizzazzjoni fil-manifattura tal-ġobon. Il-piena tal-Komunità hija ugwali għal 110 % tad-differenza bejn il-valur tal-ħalib xkumat meħtieġ biex isiru 100 kg ta' kaseini u/jew kaseinati li jirriżultaw mill-prezz għal trab tal-ħalib xkumat min-naħa l-waħda u għal kaseini u kaseinati mill-oħra.
- (2) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2742/90⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 78/96⁽⁴⁾, jistabbilixxi s-somma dovuta għall-kwantitajiet ta' kaseini u/jew kaseinati użati mingħajr awtorizzazzjoni fil-manifattura tal-ġobon għal EUR 183 għal kull 100 kg, wara li kkunsidra l-prezzijiet għal kaseini u kaseinati rreġistrati fis-swieq fit-tieni nofs ta' l-1995. Dik is-somma għandha titnaqqas minħabba l-prezz tas-suq ta' trab tal-ħalib u l-prezz tas-suq ta' kaseini u kaseinati rreġistrati fl-aħħar tliet xhur ta' l-2001.

- (3) Il-prezzijiet irreġistrati fis-swieq fl-aħħar tliet xhur ta' l-2001 huma ta' EUR 206,96 għal kull 100 kg għal trab tal-ħalib xkumat u ta' EUR 562,00 għal kull 100 kg għal kaseini u kaseinati.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni għall-Ħalib u Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2742/90 huwa ssostitwit b'li ġej:

"1. Is-somma dovuta skond l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2204/90 għandha tkun ta' EUR 65,00 għal kull 100 kg ta' kaseini u/jew kaseinati, wara li ġew ikkunsidrati l-prezz ta' trab tal-ħalib xkumat u l-prezz ta' kaseini u kaseinati rreġistrati fis-suq fl-aħħar tliet xhur ta' l-2001."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ħames jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Frar 2002.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 201, tal-31.7.1990, p. 7.

⁽²⁾ ĠU L 345, tad-29.12.2001, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 264, tas-27.9.1990, p. 20.

⁽⁴⁾ ĠU L 15, ta' l-20.1.1996, p. 15.